**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Deċiżjoni Nru 3056**

**Illum: 5 ta' Marzu, 2025**

Każ Numru 4189/JG

Fil-Kwistjoni tax-xogħol

bejn

Slobodan Milojkovic
u
Raymond Vella & Co Ltd.

*Dwar: Tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud., MAAT**

## Introduzzjoni

Il-każ kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 5 ta' Lulju, 2023 permezz ta' l-avukatessa Helen Caruana f'isem s-sur Slobodan Milojkovic. Minn naħa l-oħra is-soċjetà Raymond Vella & Co Ltd irrispondiet fit-22 ta' Settembru, 2023 fejn l-appellat għażel li jirrappreżenta lilu nnifsu mingħajr l-assistenza ta' avukat.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-liġijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddeċiedi l-każ fil-perjodu stipulat mil-liġi minħabba d-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

Ir-rikorrenti kien impjegat mas-soċjetà bħala *assistent plumber* full time fuq kuntratt indefinit. Ir-rikorrenti kien ilu jaħdem mas-soċjetà mill-15 ta' Ottubru, 2019 u ġie terminat mill-impjieg fl-10 ta' Marzu, 2023. Huwa jsostni li matul it-tliet snin u nofs li r-rikorrenti għamel jaħdem mas-soċjetà ntimata, huwa dejjem wettaq xogħolu kif suppost u qatt ma ġie mwissi bil-miktub dwar xi mankanzi fil-prestazzjoni lavorattiva tiegħu.

Minn naħa l-oħra, s-soċjetà tistqarr li l-appellant kien sistematikament jinjora dak li kienu jgħidulu s-superjuri tiegħu dwar il-metodu ta' kif kellu jagħmel xogħolu. Is-soċjetà' tgħid li tatu ħafna opportunitajiet biex jirranġa imma fallew u għalhekk kellhom jitterminaw l-impjieg tiegħu minn mal-kumpanija. Is-soċjetà' tgħid li hi ħallset dak kollu dovut minnha lir-rikorrenti u anki tatu l-avviż skont dak li titlob il-liġi. Għalhekk is-soċjetà targumenta li hi ma għandha l-ebda obbligu pendenti ma' l-appellant.

**<u>Fatti tal-Każ</u>**

Is-sur Edward Grech, General Manager tas-soċjetà Raymond Vella & Co Ltd kien irċieva rapporti dwar ir-rikorrenti, li allegatament kien qed jipproduċi xoghol nieqes mil-kwalità mistennija u mhux skont l-istruzzjonijiet mgħotija lilu mis-superjuri. Nhar l-10 ta' Marzu, 2023 ir-rikorrenti ngħata l-avviż ta' terminazzjoni ta' l-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà. L-appellant kien talab għal laqgħa mal-General Manager biex jagħmel każ favur l-impjieg tiegħu liema talba ġiet rifjutata.
Il-formola tat-terminazzjoni tal-JobsPlus oriġinali kienet taqra li l-appellant kien irreżenja mill-impjieg liema nformazzjoni kienet ġiet mibdula ghal "*disciplinary reasons*" wara deċiżjoni ta' l-Awtorita Nazzjonali ta' l-Impjiegi.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

<u>Performance fuq ix-xogħol</u>

Is-sur Edward Grech, General Manager tas-soċjetà' Raymond Vella & Co Ltd jistqarr li kien irċieva rapport mingħand is-site Co-ordinator John Stagno li l-foreman Nicola Garovic kien ilmenta dwar sitwazzjonijiet fejn ir-rikorrenti ma kienx qed jagħmel ix-

xogħol kif mixtieq u mhux skont l-istruzzjonijiet mgħotija lilu mis-superjuri tiegħu. Is-sur Grech jgħid li kien anki rċieva ilment mingħand klijent dwar xogħol mhux ta' livell li kien qed jagħmel ir-rikorrenti fuq il-post tiegħu. Is-sur Grech spjega kif wara li għamel xi kunsultazzjonijiet interni kien ta struzzjonijiet biex nhar l-10 ta' Marzu, 2023, l-appellant jingħata l-avviż tan-notifika ta' terminazzjoni mill-impjieg mal-kumpanija.

Is-sa Stefania Grech direttur tas-soċjetà' tistqarr li fil-bidu ta' l-impjieg, s-soċjetà' kienet kuntenta bir-rikorrenti izda maż-żmien il-kwalità tax-xogħol tiegħu kien iddetterjora. Minħabba f'hekk, l-appellant kien ġie mitkellem diversi drabi dwar il-kwalità tax-xogħol tiegħu iżda tammetti li qatt ma nżammu noti ta' dawn il-konverżazzjonijiet u anqas ma ngħataw xi warnings lir-rikorrenti. Infatti l-esponenti ma tiċħadx li t-text messages li għaddew bejn il-General Manager u r-rikorrenti saru biss wara li l-impjieg kien terminat u mhux qabel – ref folio 47

*diga ghedtlek, il-komunikazzjoni kienet dejjem verbali* – ref folio 48

Il-General Manager jistqarr li kien hemm ħafna komunikazzjoni bejn is-superjuri u r-rikorrenti biex itejjeb il-prestazzjoni tiegħu fuq ix-xogħol iżda huwa kien kellem lir-rikorrenti darba waħda biss. L-esponent jgħid li għalih kollu kien għalxejn u għalhekk ma kellu l-ebda alternattiva għajr li jkeċċih mix-xogħol.

Għad-domanda ta' l-avukat jekk kinitx l-ewwel darba li qatt ikkomunika miegħu bil-miktub meta nfurmah bit-tkeċċija mill-impjieg, l-esponenti rrisponda *"Iva"* ref folio 50.

Il-General Manager iżid li kellu riżervi li jirrikorri għal proċess dixxiplinarju għaliex dan seta jkollu timbru ikrah fuq *ir-records* ta' l-impjieg tal-JobsPlus, li jista' għalhekk jimpatta ħażin fuq ir-rikorrenti meta jiġi biex isib impjieg ieħor - ref folio 49. Mistoqsi għaliex ċaħad it-talba tar-rikorrenti biex jiltaqa mal-General Manager biex jagħmel każ favur l-impjieg, l-esponent irrisponda:

*Tajnieh wisq opportunitajiet* – ref folio 50

Is-sur John Stagno, works coordinator jilmenta li kemm -il darba kellem lir-rikorrenti dwar il-kwalità tax-xogħol tiegħu. Jirrapporta li kellu t-tendenza li jgħid iva meta jiġi kkoreġut iżda xorta jibqa' jagħmel dak li jrid huwa. Dan wassal l-esponent biex jirrapporta dwar dan lil General Manager -ref folio 54.

Raju Thirulogan, il-foreman tar-rikorrenti jistqarr li hu kemm -il darba kien jikkoreġih dwar xogħolu iżda dan kien jippersisti fl-iżball – ref folio 57.

Minn naħa l-oħra l-appellant jistqarr li hu qatt ma esperjenza problemi mal-kumpanija tant li hu qatt ma kien ingħata xi twissija, anqas bil-miktub. Għalhekk jgħid li kien xokk għalih meta rċieva n-notifika tat-terminazzjoni mill-impjieg. L-appellant jixhed li għamel kuntatt mal-General Manager biex jispjega ruħhu fejn dan ta' l-aħħar wegħedu li jaħsibha iżda xi jiem wara kien infurmat li ma hemm xejn iżjed x'jingħad. Mistoqsi jekk kienx ingħata ċ-ċans li jispjega x'kien ġara bejnu u bejn Raju Thirulogan, ir-rikorrenti kien ċar:

*No, nobody gave me* – ref folio 69

L-appellant jistqarr li hu qatt ma kien ikkoreġut dwar xogħolu. Mistoqsi dwar is-siti differenti li s-soċjetà' biddlitlu minħabba l-allegati problemi, r-rikorrenti jistqarr li il-bdil tas-siti kienu eżiġenzi tas-soċjetà' u mhux minħabba xi problemi li s-soċjetà' kienet qiegħda tallega dwarhom – ref folio 72.

Minn naħa l-oħra s-sa Stefania Grech stqarret li l-bdil tas-siti kienet deċiżjoni interna tal-management b' l-iskop li r-rikorrenti jippresta ruħhu aħjar fuq il-post tax-xogħol iżda tammetti li r-rikorrenti ma kienx jaf b'dan l-iskop.

> *What you do not know, is that we had internal meetings and we did change your site becaue the people on site told us that we cannot work with Slobodan* – ref folio 72

Għad-domanda ta' l-appellata soċjetà, għalfejn ir-rikorrenti ma rrikorriex għand l-HR biex jiddiskuti l-problemi tiegħu tax-xogħol, l-appellant kien konsistenti meta stqarr li hu qatt ma kien mgħarraf dwar l-allegati problemi ta' kompetenza.

> *But, that, I never had problem with nobody. Me, so, if somebody has the problem with me, he have to call me from the HR to spoke with me, not, not, I don't have problem* – ref folio 72

Konklużjoni

Fid-dinja lavorattiva, t-terminazzjoni ta' l-impjieg hija meqjusa bhala l-piena kapitali għall-ħaddiem għaliex għandha implikazzjonijiet wiesa fuq l-individwu u l-familja tiegħu. Għalhekk deċiżjoni bħal din trid tittieħed b'serjeta' kbira biex il-ġustizzja mhux biss issir imma tidher li qed issir.

Filwaqt li wieħed jifhem li l-industrija tal-kostruzzjoni mhux dejjem timposta ruħha ideali biex il-komunikazzjoni ssir bil-miktub, jibqa l-fatt li s-soċjetà' ġieli għamlitu dan speċjalment f'sitwazzjonijiet kruċjali.

> *We do not give written warnings, unless it's very, very, very, very crucial, you know?* – ref folio 72

Allura, t-Tribunal jikkonkludi li l-kwistjonijiet imqajjma mis-soċjetà' jew ma kienux kruċjali jew jekk kienu kruċjali, kif filfatt targumenta s-soċjetà', naqset mill-obbligu tagħha li toħroġ written warnings.

It-Tribunal jinnota ukoll li minkejja li s-soċjetà' tistqarr li l-impjegati tagħha jitkellmu tajjeb bil-lingwa ingliża, deher ċar waqt ix-xhieda li għal diversi drabi d-domandi kellhom jiġu ripetuti biex jinftiemhu, filwaqt li l-atturi konċernati tħabtu biex jesprimu dak li xtaqu. Dan sar minkejja li l-ambjent tat-Tribunal kien wieħed kontrollat, ordnat u megħjuna b'mezzi ta' teknoloġija.

Għalhekk, it-Tribunal ma jistax ikollu rasu mistrieħa li l-allegat insubordinazzjoni filfatt ma kienux dovuti għal problemi ta' lingwa fejn ħadd mill-atturi ma għandu l-ingliż bħala l-lingwa franka.

Jekk il-prestazzjoni tar-rikorrenti fuq il-post tax-xoghol ma kinitx għal-livell mixtieq, prinċipal tipiku kien jibgħat għall-impjegat u jispjegalu ċar bizzejjed u li ma jħalli l-ebda dubju f'moħħ l-impjegat, li jekk mhux sa jtejjeb xogħolu, kellu ċans tajjeb li l-impjieg tiegħu jiġi terminat.

Meta s-soċjetà' kellha talba mill-impjegat biex jiltaqa mal-General Manager biex jispjega l-każ tiegħu u jagħti il-verżjoni tal-fatti kif jafhom hu, is-soċjetà' kellha l-obbligu li tisimgħu. Huwa prinċipju ta' ġustizzja naturali, li min sa jiddeċiedi jrid jisma l-partijiet kollha qabel jiddeċiedi filwaqt li l-akkużat ikollu l-opportunita' li jiddefendi lilu nnifsu. Dan is-soċjetà' ma għamlitux għaliex semgħat lil dawk li għamlu r-rapporti filwaqt li rrifjutat li tisma l-akkużat li dwaru saru r-rapporti. Għalhekk kien nuqqas tas-soċjetà' li bħala minimu ma semgħatx dak li kellu xi jgħid ir-rikorrenti.

> *When a disputed allegation is made against an employee, a careful and conscientious investigation must be carried out, and the investigator must focus no less on evidence which may exculpate the employee, or at least point to his innocence.*

Selwyn's Law of Employment 21st Edition para 12.3

Dan jassumi importanza akbar meta s-soċjetà ħadet l-aktar deċiżjoni serja meqjusa fl-ambjent lavorattiv li tkeċċi mpjegat, meta qatt ma ħarget *warning* waħda bil-miktub. Mhux biss imma anqas *record* ta' xi konverżazzjoni mill-ħafna li s-soċjetà qalet li saru.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Wara li t-Tribunal eżamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-każ, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalita' u l-komplessita' tagħhom, jiddeċiedi li r-rikorrenti s-sur Slobodan Milojkovic kien terminat mix-xogħol inġustament.

**<u>Kumpens</u>**

It-Tribunal ikkonsidra li r-rikorrenti;

- dam xahrejn qiegħed bejn l-10 ta' Marzu u l-11 ta' Mejju 2023
- kellu rata ta' ħlas bażiku ta' €8.29 fis-siegħa
- il-proporzjon ta' bonus statutorji għal xaharejn
- il-proporzjon tal-weekly allowance statutorja

Għalhekk it-Tribunal qed jordna kumpens mingħand is-soċjetà għar-rikorrenti ta' €2,738.21 (elfejn, sebgħa mija tmienja u tletin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu) li jitħallas fi żmien erba ġimgħat mid-data ta' din id-deċiżjoni.
L-ammont dovut ġie kalkolat kif segwenti;

| | |
|---|---|
| Xahrejn paga għaż-żmien li r-rikorrenti għamel qiegħed – ref folio 77 | |
| Rata għal kull siegħa €8.29 X 40 siegħa għal 8 ġimgħat – ref folio 79 | €2652.80 |
| Bonus statutorju għal xahrejn | € 45.03 |
| Allowance statutorja ta' kull ġimgħa għal xahrejn | € 40.38 |
| Kumpens totali dovut | €2,738.21 |

It-Tribunal jiddikjara il-każ magħluq.

**(iffirmat)**

Joseph Gerada
Chairperson

VERA KOPJA

Għas-Segretarju